

32006D0188

8.3.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 66/37

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**XXX****dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn****il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka****li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-****Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003****li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat****l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata****f'wieded mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz u****r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta'****"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-****applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin****(2006/188/KE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 (1)(a) tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Billi:

- (1) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nri 343/2003 ¹ u 2725/2000 ², u lanqas m'hi soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.
- (2) B'Deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti hawn fuq imsemmija.
- (3) In-negozjati bil-ħsieb li jiġi ffirmat il-Ftehim seħħew bejn Ġunju 2003 u April 2004.
- (4) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll imsemmi hawn fuq dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta magħha u l-anqas m'hi soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim, li ġie inizjalat fil-Lussemburgu nhar it-8 ta' Ġunju 2004, għandu jiġi ffirmat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

¹ ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.

² ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1.

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000(KE) dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin, qiegħda b'dan tiġi approvata f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa bil-preżenti awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna/i awtorizzat(i) biex jiffirma(w), f'isem il-Komunità, il-Ftehim, soġġett għall-konklużjonijiet tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill
Il-President
